Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 249/2020 FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI NRU. 57/2010 IPPREŻENTATA TAĦT L-ARTIKOLU 166A TAL-KAP. 12 BIN-NUMRU 57/2010 FL-ISMIJIET: MARY ANNE VELLA (KI NRU. 262158M) V. JOHN MARY FALZON (KI NRU. 127229M) U MARTU RITA FALZON (KI NRU. 58537M)

(REVOKA TA' ITTRA UFFIĊJALI MAĦRUĠA TAHT L-ART. 166A TAL-KAP. 12 – KAP. 12 ART. 166A(5))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' April 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' John Falzon, Josephine Falzon, Anne Pace u Saviour Falzon bħala l-eredi ta' John Mary Falzon kif ukoll ta' martu Rita Falzon (lkoll "ir-rikorrenti") ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2020,

wara li rat li r-rikors ġie a konjizzjoni tal-Qorti kif presjeduta fit-13 ta' Jannar 2021 u dan in vista tal-emerġenza li żviluppat fir-Reġistru tal-Qorti in vista tal-pandemija tal-Covid-19 b'kawża ta' liema kien hemm nuqqas kbir ta' ħaddiema li setgħu jipproċessaw l-atti ġudizzjarji,

wara li rat l-ordni *in camera* tal-Qorti tat-13 ta' Jannar 2021 maħruġa ai termini tal-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tagħha l-Qorti *inter alia* tat ċans lil Mary Anne Vella ("l-intimata") sabiex jekk tixtieq tirrispondi tagħmel dan fi żmien ġimgħa min-notifika lilha tar-rikors u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-25 ta' Jannar 2021,

wara li rat li fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2021 id-difensur tal-intimata informa lill-Qorti illi *“l-intimata ġiet notifikata b’din il-proċedura u li qed tirrimetti ruħha għall-ġudizzju ta’ din il-Qorti”*,

wara li rat li fl-istess seduta *“l-partijiet iddikjaraw illi qed jaqblu illi d-dokumenti fol 4 u 5 tal-proċess huma kopja fidili tal-ittra uffiċjali u r-riferta mertu ta’ din il-kawża”*,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Mario de Marco,

wara li semgħet lid-difensur tal-intimata, l-Avukat Dr. Gianfranco Gauci jiddikjara illi l-intimata qed tirrimetti ruħha għall-ġudizzju tal-Qorti,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex “*tirrexxindi u tiddikjara nulla u bla effett l-ittra uffiċjali (taħt il-proċedura tal-Artikolu 166A tal-Kap 12) bin-numru 57 /2010 li ġiet reża eżekuttiva fit-23 ta' April 2010 u li ġiet eżegwita minn l-intimata Mary Anne Vella fil-konfront ta' John Mary Falzon u martu Rita Falzon*” u sabiex “*tiddikjara konsegwentement li l-mandat ta' qbid eżekuttiv bin-numru 1351/2020 MB huwa null u bla effett fil-liġi u Ii konsegwentement għandu jiġi ddikjarat rexiss għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u tawtorizza l-ħruġ tal-opportuni kontromandati*”

2. L-intimata min-naħa tagħha rrimetiet ruħha għall-ġudizzju tal-Qorti mingħajr ma’ ntavolat risposta.

3. Skond l-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta:

   *‘Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta’ rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta’ xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

   *(i)* *li d-debitur ma kienx jaf b’dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
   *(ii)* *li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) ...’*

4. Ir-rikorrenti qed jinvokaw is-subinċiz (ii) tal-Art. 166A(5) billi skond huma "*l-intimazzjoni li ġiet utilizzata fl-ittra uffiċjali in diżamina mhux konformi ma' dak dispost taħt piena ta' nullita fl-Artikolu 166A (3) tal-Kap. 12*".

5. L-Artikolu 166A(3) tal-Kap. 12 jipprovdi kif ġej:

   '166 (3) L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullita intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv ...'

6. Kif intqal minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: "**Carmelo Bianco noe. v. Jesmond Arnaud et.**" (ECLI:MT:CIV:2020:124164, deċiża 23 ta' Novembru 2020, Rik. Nru. 256/2018): "*L-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Artikolu 166A hija att ġudizzjarju sui generis li għandha konsegwenzi drastiċi u mhijiex sempliċiment interpellazzjoni għall-ħlas għaliex fin-nuqqas ta' opposizzjoni entro t-terminu statutorju ta' tletin ġurnata min-notifika l-ittra nnifisha ssir titolu eżekuttiv. Huwa għalhekk illi l-leġislatur ħaseb għal sitt kriterji tassattivi li għandhom jiġu sodisfatti mill-kreditur fil-ħruġ ta' din l-ittra u dan taħt piena ta' nullita' jekk xi waħda minn dawn il-kriterji ma' jiġux osservati skrupolożament. Dawn il-kriterji huma:*

   1. *L-interpellanza trid tkun għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u dovut li ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000).. B'eċċezzjoni għal din il-kriterju, il-kreditur li jkollu dejn li ma' jkunx għadu likwidat jista' ukoll jintavola l-pretensjoni tiegħu permezz ta' din l-ittra uffiċjali diment illi jillimita l-pretensjoni għal ammont li ma' jeċċedix €25,000 u jirrinunzja b'mod espress għal kull dejn li jeċċedi din is-somma.*[1]

   2. *L-ittra uffiċjali għandha tkun skond il-forma stabbilita mill-Avviż Legali 278 tal-2005 (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22) u ċioe fl-ittra innifisha għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti, l-avviż*

[1] Kap. 12, Art. 166A(1)

*segwenti: "Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali."*[2]

3. *L-ittra uffiċjali għandha tkun kkonfermata bil-ġurament mill-kreditur*[3]*.*

4. *L-ittra uffiċjali għandha tiġi notifikata kif imiss lid-debitur*[4]*.*

5. *Fl-ittra għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.*[5]

6. *Fl-ittra għandu ikun hemm intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin (30) jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv.*[6]"

7. L-ittra uffiċjali in kwistjoni inħarġet fis-17 ta' Marzu 2010 fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Ċio nonostante billi skond l-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 kwalunkwe opposizzjoni għal din it-tip ta' ittra uffiċjali għandha ssir "*b'talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ*", ir-rikorrenti għamlu sew illi ntavolaw din il-proċedura quddiem din il-Qorti anke jekk l-ittra nnifisha kienet taqa' taħt il-kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

8. Fl-ittra r-rikorrenti ġew interpellati sabiex iħallsu lill-intimata s-somma ta' tnax-il elf sitt mija u tnejn u sittin euro u erbgħin ċenteżmu (€ 12,662.40). Għalkemm l-avviż preskritt mill-Avviż Legali 278 tal-2005 taħt l-intestatura tal-Qorti ġie magħmul b'mod regolari in ottemperanza mad-disposizzjoni tal-Art. 166A(2) tal-

[2] Kap. 12, Art. 166A(2)
[3] Kap. 12, Art. 166A(2)
[4] Kap. 12, Art. 166A(5)(i)
[5] Kap. 12, Art. 166A(2)
[6] Kap. 12, Art. 166A(3)

Kap. 12, madanakollu mhux l-istess jista' jingħad għall-intimazzjoni lid-debituri li kellu jkun hemm ai termini tal-Art. 166A(5), liema intimazzjoni hija nieqsa għall-kollox mill-korp tal-ittra uffiċjali. Din l-intimazzjoni tmur oltre dik preċedenti billi tavża lid-debitur kif għandu jagħmel biex jekk irid jikkontesta l-ittra in kwistjoni.

9. L-intimazzjoni taħt l-Art. 166A(2) u l-Avviż Legali 278 tal-2005 għandha bħala skop li l-persuna li tirċievi l-ittra uffiċjali tintebaħ, jekk hemm bżonn b'ċertu allarm, illi l-ittra li għandha f'idejha mhijiex ittra komuni, imma hija ittra li jeħtieġ li biha jmur minnufih għand professjonist legali sabiex jieħu l-parir meħtieġ u tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

10. L-intimazzjoni taħt l-Art. 166A(5) min-naħa l-oħra għandha bħala skop illi filwaqt li terġa tfakkar lid-debitur li għandu tletin ġurnata ċans sabiex, jekk irid, jikkontesta t-talba, tinfurmah ukoll illi huwa jista' jagħmel dan billi "*jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali*".

11. Huwa rrilevanti, u l-Qorti ma' għandiex toqgħod tindaga f'dan ir-rigward, jekk effettivament id-debituri, ossia' r-rikorrenti, sofrewx xi preġudizzju bin-nuqqas tal-intimazzjoni lilhom rikjesta mill-liġi u dan għaliex il-kriterji fuq imsemmija huma tassattivi u għandhom jiġu osservati b'mod skrupoluż tenut kont il-konsegwenzi legali li ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A ġġib magħha f'każ li ma' tiġix kontestata fit-terminu preskritt mill-liġi.

12. Ġaladarba din l-intimazzjoni hija mankanti fl-ittra uffiċjali *de quo* il-Qorti m'għandiex għażla hlief illi tiddikjara n-nullita' tagħha u tirrevokaha għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

**Deċiżjoni**

13. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi:**

    1. **tiddikjara nulla u bla effett u tirrevoka l-ittra ġudizzjarja bin-numru 57/2010 fl-ismijiet premessi maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan ai termini tal-Art. 166A(5)(ii) tal-istess kapitolu.**

2. **tiddikjara null u bla effett u tirrevoka ukoll l-mandat ta' qbid eżekuttiv bin-numru 1351/2020 maħruġ fl-istess ismijiet fit-2 ta' Ottubru 2020 in eżekuzzjoni tal-istess ittra uffiċjali**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-intimata.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |